**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 5 t'Ottubru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Andy Rotin)**

**vs**

**Mohamed Keita**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Mohamed Keita ta' 25 sena' bin Omar Keita u Mama Keita imwieled gewwa Kayes, Mali fit- 23 ta' Gunju 1997, li jghix gewwa 16, Triq Azzopardi, Marsa u detentur tan-numru tal-Pulizija 19LL-008

Akkuzat talli dakinhar tas-sebgha (7) ta' Settembru 2022 għal ħabta tal-hdax ta' filghodu (11:00hrs) u/jew f'ħinijiet wara u/jew qabel ġewwa Triq Isouard, Marsa u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr il- ħsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, izda dolozament bil-hsieb li jikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Fatherwor Etumuton u/jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, billi hebb ghalih permezz ta' arma li taqta u bil-ponta, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta tieghu;

2. Kif ukoll, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, volontarjament ikkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Fatherwor Etumuton, billi hebb ghalih u/jew permezz ta' arma li taqta u bil-ponta;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku u cioe' ta' PC 112 Joshua James Grixti u ta' PC 1456 Omar Sharif, filwaqt li kien qiegħed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti;

4. U kif ukoll talli ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

5. U aktar talli fl-istess, dati, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghall-Fatherwor Etumuton, sabiex jingurjah, idejjqu u/jew jghamillu l-hsara;

6. Ingurja jew hedded lill Fatherwor Etumuton;

7. U kif ukoll talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

8. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li l-Pulizija kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom.

Il-Qorti giet mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuni offiżi ċioe' PC 112 Joshua James Grixti, PC 1456 Omar Sharif u Fatherwor Etumuton jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari

tagħha minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u f'każ ta' ħtija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuni offiżi u l-familji tagħhom ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġi l-piena stabbilita skond il-liġi, tapplika il-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

2. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

3. Rat li fis-seduta tal-14 ta' Settembru 2022 il-prosekuzzjoni irtirat l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-imputat u cioe dik ta' attentat ta' ferita gravi.

4. Rat li fl-istess seduta tal-14 ta' Settembru 2022 l-imputat iddikjara li in vista ta' din id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni, huwa kien qieghed jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet l-ohra dedotti kontra tieghu. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' tmien (8) snin prigunerija u multa ta' ghaxart elef euro (€10,000), u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

5. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

6. Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Ghalkemm l-imputat ammetta ghat-tieni imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u cioe dik li ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Fatherwor Etumon permezz ta' arma li taqta' u bil-ponta, din l-imputazzjoni ma tirrizultax mill-provi prodotti. Fir-rapport tal-Pulizija jinghad hekk:

*"The victim was spoken to and stated that the other person lives above him and was accusing him that he stole his mobile phone and argued with him and attacked him with a knife but did not hit him. He was asked if he had any injuries but replied negative and refused medical assistence."*[1]

Fil-fatt, il-Prosekuzzjoni ezebit ukoll id-dikjarazzjoni tal-vittma li biha irrinunzja ghall-assistenza medika.[2]

8. Fid-dawl ta' dawn il-provi, din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati ta' din it-tieni imputazzjoni, minkejja l-ammissjoni tieghu.

9. Pero mill-provi migjuba u mill-ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet numru tlieta, erba', hamsa, sitta, seba' u tmienja dedotti kontra tieghu.

10. Il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-imputat, stante li din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni kif fuq inghad.

11. Ghal fini ta' piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u ghaldaqstant ma heliex il-hin tal-forzi ta' l-ordni u ta' dawn il-Qrati.

---

[1] Ara fol. 23 tal-process.
[2] Ara fol. 15 tal-process.

12. L-imputat ilu hawn Malta tlett snin, u ghandu fedina penali netta.

13. Jidher li l-glieda bejn l-imputat u l-vittma inqalet ghaliex l-imputat issupetta li l-vittma seraqlu l-mobile, u l-argument skala, tant li l-imputat attakka lill-vittma b'sikkina, pero fortunatament ma laqtghux.

14. L-imputat irrezista wkoll lill-Ufficjali tal-Pulizija meta dawn ippruvaw jarrestawh. Pero ma jirrizultax li wegga' xi wiehed mill-ufficjali tal-Pulizija involuti.

15. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena karcerarja ghandha tkun wahda ta' prigunerija effettiva, stante li mhux accettabli f'socjeta civili li ghax jinqala' argument bejn zewg persuni, anki jekk ghax persuna wahda tissuspetta li l-persuna l-ohra ikkommettiet reat, persuna taghmel gustizzja b'idejha, huwa jhebb ghal persuna l-ohra b'sikkina. Fortunatament dan il-kaz ma kellux konsegwenzi, ghaliex in-nies fit-triq cemplu immedjatament lill-Pulizija li interveniet. Di piu, lanqas hu accettabbli li persuna tirrezisti bi vjolenza ufficjali tal-Pulizija fil-waqt li dawn qieghdin jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi.

16. Pero tenut kont tal-fatt, li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija u l-fedina penali netta tieghu, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ghandha tkun wahda fil-minimu.

17. Peress li mill-atti jirrizulta li l-imputat u l-vittma jikru kamra kull wiehed fl-istess dar, din il-Qorti ma tistax ghal ragunijiet prattici u ta' logistika tohrog ordni ta' trazzin favur il-vittma. In oltre, il-Qorti ma tarax il-htiega li tordna ordni ta' trazzin favur l-ufficjali tal-Pulizija involuti stante li l-imputat irrezista l-arrest li ippruvaw jaghmlu, u m'agixxiex b'mod illegali ghax kellu xi kwistjoni kontra xi wiehed minnhom fil-kapacita personali tieghu.

**Konkluzjoni**

18. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

    1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-imputat, stante li din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni fil-mori ta' dawn il-proceduri.

2. Issib lill-imputat mhux hati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u qed tilliberah minnha.

3. Wara li rat l-Artikoli 96, 338(dd), 338(ee), 339(d) u 339(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tat-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitta, is-seba' u tminn imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' sitt (6) xhur, li minnha ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz.

4. In oltre il-Qorti tikkundanna l-hati ghal hlas ta' multa ta' erbat elef u sittin Euro (€4060), li ghandu jithallas minnufih, u jekk ma jithallasx *in toto* jew *in parte* il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

Il-Qorti tordna li fi zmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**